KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 49

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 49

L-Erbgħa 24 ta' Settembru, 2025

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa Sala Golden Oriole, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sa. Mariah Meli – Sindku Għargħur
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

49.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo, il-Kunsilliera ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, u s-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, sabiex jinfurmaw li ma setgħux ikunu preżenti għal din il-laqgħa minħabba impenji oħra.

49.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittra t'apoloġija.

## 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

49.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 48 li nżammet nhar l-Erbgħa 20 t'Awwissu 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

49.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, sekondata mill-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo.

***49.2.3 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.***

## 49.3 *Komunikazzjoni mill-President*

49.3.1 Il-President informa lill-membri kif nhar il-Ħamis 21 t'Awwissu 2025, dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand il-Kunsill Lokali tas-Swieqi dwar proposta għal sit privata li tinsab ġewwa s-Swieqi (biżwit mal-uffiċċju tal-Kunsill) sabiex issir applikazzjoni flimkien mal-Kunsill Lokali biex din l-art tiġi żviluppata għal *Regional Arts & Culture Centre*.

49.3.2 Is-Sur Chircop spjega kif dan il-Kunsill qed iressaq din it-talba biex jaraw jekk ir-Reġjun jaqblux ma' dan il-kunċett u sabiex il-binja toffri wkoll spazzju sabiex ikun jistà jservi għall-uffiċċini għar-Reġjun. Hu kompla jgħid li, għalkemm hu jaqbel ma din it-talba u r-Reġjun għandu jgħati l-appoġġ tiegħu lejn dan il-proġett, pero peress li dan jaf jieħu ħafna żmien minħabba li s-sit huwa privat u qed jintalab sabiex din tiġi mixtrija mill-Gvern, ir-Reġjun ma jkunx marbut ġaladarba r-Reġjun ikun sab sit alternattiv.

49.3.3 Il-President informa wkoll kif fil-frattemp il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kien ġibed l-attenzjoni dwar mitħna antika li tinsab Birkirkara fejn l-akwadot (faċċata ta' Farsons). Hu spjega kif il-Perit intalab biex jara jekk din is-sit ikunx spażżju addattat għall-uffiċini tar-Reġjun pero minħabba li l-ħitan ta' ġewwa, ħafna mill-ispazzju huwa meħud.

49.3.4 Il-President kompla jispjega kif huma pproponew binja oħra li tinsab biżwit il-Ġnien ta' l-Istazzjoni. Is-Sur Chircop qal kif inżammet laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill flimkien mal-Perit li ppreżenta pjanti ta' din il-binja. Hu qal kif irriżulta li l-ispażju li kien ser jinħoloq kien ser ikun ferm iżgħar minn dak li għandu r-Reġjun fil-preżent u sular minnhom li tistà tiġi trasformata f'sala, din ser tkun qed tintuża mill-Kunsill pero lesti li jgħatu l-ispażju meta r-Reġjun ikollu l-ħtieġa li jgħamel użu minnha. Hu qal kif ma jarahiex li għandha tiġi aċċettata.

49.3.5 Hu żied jgħid ukoll kif waqt li kienet qed tinżamm din il-laqgħa mal-kunsill Lokali ta' Birkirkara, il-Kunsill ipproponа sular f'binja oħra li tinsab fil-Ġnien tal-Istazzjon. Għal din ir-raġuni hu qal kif inżammet laqgħa bejn il-Kunsill flimkien mal-Perit u ġew imressqa pjanta. L-ispazzju maħluq kien ser ikun ferm iżgħar milli

r-Reġjun għandu fil-preżent. Hu spjega kif fl-opinjoni tiegħu hu ma rrakomandax li dan is-sit ikun ikkunsidrat.

49.3.6 *17:10pm – Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

49.3.7 Is-Sur Chircop spjega wkoll kif waqt li kienu preżenti għal din il-laqgħa ġewwa il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara issemmiet il-possibilità li tinbena sular ieħor fuq l-binja tal-Kunsill. Peress li kien hemm interess miż-żewġ partijiet, kien hemm qbil li l-Perit jindaga dwar din il-possibilità.

49.3.8 *17:12pm – Il-Kunsillier ta' Birkirkara, is-Sur Luke Vella, wasal għal din il-laqgħa.*

49.3.9 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif fil-frattemp ukoll hu kien tkellem ukoll mas-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaġġi, li għandhom il-ħsieb ukoll li jtellgħu sular ieħor fil-binja eżistenti tal-Kunsill.

49.3.10 Is-Sur Chircop qal kif dawn il-proposti jridu tul ta' żmien u kif sadanittant ir-Reġjun għandu joħroġ Espressjoni ta' Interess forsi wieħed jara x'hemm eżistenti fis-suq. Idealment ir-Reġjun għandu jsib binja mitluqa tal-Gvern li titranġa u tiġi devoluta lir-Reġjun.

49.3.11 Kien hemm qbil sabiex bħala Reġjun jingħata appoġġ lill-Kunsill Lokali tas-Swieqi u fil-frattemp tinbeda sejħa għal espressjoni ta' interess flimkien mal-Perit.

- *Aġġornament fuq il-Kuntratt ta' l-iskart*

49.3.12 Fuq talba tal-kuntrattur, il-President ta aġġornament dwar il-laqgħa li kienet nżammet nhar il-Ħamis 4 ta' Settembru 2025 dwar il-problemi relatati mal-ġbir taż-żibel fil-lokalità ta' Birkirkara. Hu qal kif għal din il-laqgħa kien hemm preżenti hu flimkien mal-Waste Manager, is-Sur Ryan Zammit, il-kuntrattur, u l-President tal-AKL, is-Sur Mario Fava, kif ukoll is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill lokali ta' Birkirkara.

49.3.13 Is-Sur Chircop qal kif il-kameras fuq it-trakkijiet għadhom ma jaħdmux u kif il-kuntrattur qed jispjega kif hemm problema bis-servizz mill-GO.

49.3.14 Is-Sur Chircop qal kif sadanittant kienet inżammet laqgħa oħra bejn il-kuntrattur u l-avukat tiegħu flimkien mal-Kunsill Reġjonali Lvant u l-avukati tagħna fil-preżenza tad-Direttur Ġenerali is-Sur Emil Vassallo. L-Għan ta dawn il-laqgħat huma biex jitjieb is-servizz mogħti. Hu qal ukoll kif fl-aħħar laqgħa li kienet inżammet is-Sur Vassallo ma kienx seta jattendi u minflokk kienu preżenti l-Assistent Direttur, is-Sur Kurt Scerri, u d-Direttur tal-Monitoraġġ u Sapport, is-Sur Christopher Galea. Hu spjega kif fl-opinjoni tiegħu kienet laqgħa ta' ħela ta' ħin peress li ma kienx hemm żvilupp.

49.3.15 Il-President informa wkoll kif it-talba sabiex jinħarġu l-multi, dan ir-Reġjun ġie mitlub mid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jingħata approvazzjoni mingħand is-Segretarju Permanenti kif ukoll mid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Hu qal ukoll kif dan ir-Reġjun talab direzzjoni dwar dan mingħand l-avukat fejn hu qal li ma seta jsib xejn fejn kif jindika li kien hemm bżonn din l-approvazzjoni.

49.3.16 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-risposta mgħotija mill-avukat u qalet kif bħala Reġjun xorta waħda talab l-approvazzjoni neċessarja kif kienet ġiet mitluba u kif din kienet għadha ma ngħatatx.

49.3.17 Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, staqsa lir-Reġjun jekk is-somma li qed tiġi mnaqqsa minn kull kont dovut lill-Kuntrattur għandiex titpoġġa l-qorti.

49.3.18 Il-President informa li ser ikun qedin jiċċekjaw dwar dan ma' l-avukat.

49.3.19 Il-President qal kif l-avukat ta' dan ir-Reġjun huwa l-istess avukat li l-Ministeru kien qabbad sabiex ifassal id-dokument tas-sejħa tal-ġbir ta' l-iskart.

49.3.20 Hu tenna li l-flus li ġew imnaqqsa mill-ħlasijiet dovuti ta' kull xahar lill-kuntrattur qedin imwarbin f'kont separat biex żgur ma jintużawx għal affarijiet oħra. Hu qal kif dan kien sar avolja kien hemm min li kien insista li dawn il-flus għandhom jingħataw lura lil ċertu lokalitajiet li kellhom ħafna nuqqasijiet minn dan is-servizz.

49.3.21 Il-President fakkar lill-membri preżenti kif is-seduta li jmiss fil-qorti kienet skedata għat-Tnejn 27 ta' Ottubru 2025.

49.3.22 Is-Sur Chircop qal ukoll li dawn il-laqgħat qed jinħlew peress li xi ħadd jinzerta ma jkunx jistà jattendi fl-aħħar ħin wara li tkun instabet data komda għal kulħadd u mhux qed ikun hemm avvanz ta' xejn. Hu esprima kif ma jafx kemm dawn il-laqgħat għandhom jibqgħu jinżammu.

49.3.23 Il-President qal ukoll kif matul il-ġimgħat li għaddew kienu anke qed jinżammu laqgħat ma' uħud mill-Kunsilli Lokali individwali sabiex nippruvaw isolvu kwistjonijiet lokalizzati li jaffettwaw ċerta lokalità kif ukoll sabiex ikun hemm bdil żgħir fejn meħtieġ, fosthom mal-Kunsill Lokali ta' l-Imsida.

49.3.24 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, informa li bħala lokalità ma kienx lest li jċaqlaq il-ħin għal-ġabra ta' filgħaxija.

49.3.25 Il-President qal dwar il-laqgħa li kellha tinżamm fuq il-kollezzjoni ta'ġbir ta' l-iskart li tibda tkun matul il-lejl, spjega li ma kien sar l-ebda żvilupp.

49.3.26 Il-President qal li fil-laqgħat li kienu nżammu mal-kuntrattur ġew mitluba sabiex jindirizzaw il-problemi li għandhom mas-*Service Provider* u jgħatu pużizzjoni ċara lir-Reġjun. L-interess tar-Reġjun huwa biss li s-servizz jingħata kif inhu mitlub fil-kuntratt.

49.3.27 Il-President żied jgħid kif ftit tal-ġranet qabel din il-laqgħa ġiet iċċirkulata komunikazzjoni fejn ġiet spjegata l-pożizzjoni u r-responsabilità tar-Reġjun biex ċerta Sindku jieħdu ċerta responsabilità fil-lokalità tagħhom u mhux kull ħaġa li tinqala titpoġġa fuq il-midja soċjali bħal Facebook.

49.3.28 Hu qal li din mhux proċedura korretta li titlob lir-Reġjun jgħati direzzjoni b'dan il-mod u wieħed irid japprezza s-sitwazzjoni kif inhi. Hu qal li l-intenzjoni tiegħu kienet li dik il-komunikazzjoni tiġi ppublikata bħala stqarrija uffiċjali fil-midja lokali.

49.3.29 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, esprima kif it-tender ġie meħud mingħand il-Kunsilli Lokali u hu ħass li kellu jressaq domanda fuq il-paġna ta' Facebook u kif sa llum, kien għadu mingħajr risposta – la mir-Reġjun, la mill-Ministeru ikkonċernat u lanqas mill-Ministeru. Hu spjega li poġġa d-domandi fuq Facebook u baqa bla tweġiba u biex jieħu risposta jkolli jitkellem mal-Ministru b'mod dirett.

49.3.30 Il-President spjega kif unutli l-Kunsill jirdirizza l-problema lir-Reġjun fuq Facebook u kif ir-Reġjun qiegħed hemm biex jamministra l-kuntratt.

49.3.31 Is-Sur Dalli insista li l-Kunsill huwa obbligat li jdur għand ir-Reġjun u qal li jekk kien hemm bdil fl-ordinijiet u li issa l-Kunsill għandu jikteb dirett lill-Ministru, qal li jibda jimxi b'dak il-mod. Hu staqsa min qed jerfa r-responsabilità tal-kartun li jitħalla warajh meta issir l-ġabra tal-ħġieġ. Hu kompla jgħid kif jekk hu jixtieq jgħamel xi ħaġa għall-komunità tiegħu, u r-Reġjun għandu jitkellem mal-MInistru f'isem il-Kunsill sabiex dawn il-problemi jiġu ndirizzata.

49.3.32 Il-President qal kif dawn il-problemi kemm-il darba ġew indirizzata lill-Ministri ikkonċernata pero xorta waħda l-Kunsill m'għandhux ipoġġi dawk il-mistoqsijiet lir-Reġjun fuq Facebook.

49.3.33 Is-Sindku ta’ l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, qal kif dawk il-lokalitajiet li għandhom problema kbira bl-iskart, dawn bla dubji jridu jesprimu r-realta li għaddejja minnhom il-lokalità pero wieħed irid joqgħod attent kif iwassal dan il-messaġ.

49.3.34 Il-President qal kif hu jifhem is-sitwazzjoni li għandhom il-Kunsilli Lokali pero ma jistax jifhem kif dawn jiġu ndirizzata lir-Reġjun fuq il-paġna ta’ Facebook.

49.3.35 Il-President spjega kif il-kuntrattur huwa obbligat li jiġbor skond l-iskeda, u jekk hemm skart ieħor li qed jiġi akkumulat, dak għandu l-obbligat li jinġabar mill-Cleansing. Hu kompla jgħid li jekk il-problema ta’ kaxxi tal-kartun li jitħallew wara li tkun saret il-ġabra tal-ħġieġ għadha tippersisti, l-problema mgħandiex tiġi mitfuha fuq ir-Reġjun imma għandu flimkien jitressaq argument u tiġi imbutattat kollettivament. Pero dan jibda billi r-Reġjun jieħu pożizzjoni, irrelevanti x’qed jiġri f’Reġjuni l-oħra.

49.3.36 Is-Sindku ta’ Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, qal li jekk il-problema hija komuni fil-lokalitajiet kollha, ir-Reġjun għandu jieħu *a common front.* Pero jekk il-problema hija ta’ lokalità waħda jew tnejn, ir-Reġjun għandu jimmonunika mal-lokalitajiet ikkonċernata.

49.3.37 Is-Sindki u membri preżenti espremew li din il-problema tinsab fil-lokalitajiet kollha.

49.3.38 Il-President qal li l-appell tiegħu ma kienx indirizzat fuq il-problema tal-kartun li jitħallas wara l-ġabra tal-ħġieġ imma għal kull nuqqas li jsir mill-kuntrattur imma jekk il-problema hija fejn hemm żona li l-iskart mhux qed jinġabar, u appella li sitwazzjonijiet bħal dawn għandhom jiġu ndirizzata direttament mal-kuntrattur.

49.3.39 Il-President staqsa jekk ir-Reġjun għandux jgħamel ħoss billi tinżamm konferenza stampa.

49.3.40 Il-President semma kif il-ġimgħa ta’ qabel din il-laqgħa kien ġie mħabbar li ser ikun hemm proġett pilota fil-lokalità tas-Swieqi u l-Belt. Hu spjega kif hu kien infurmat biss minn dak li kien qara fil-gazzetti lokali li kienet imħabbra mill-Ministru Ian Borg.

49.3.41 Is-Sindku, is-Sur Guido Dalli, staqsa kemm kien hawn minn dawn il-Kunsilli preżenti li kellhom laqgħa mal-Ministru Borg.

49.3.42 Il-President spjega li bħala Sindki, kulħadd hu liberu jtella dak kollu li jixtieq. Madanakollu hu reġa tenna li hu ma kienx ser ikun qed jirrispondi għad-domandi tiegħu fuq Facebook u m’għandux ipoġġi lill-President f’sitwazzjoni skomda meta qed tindirizza direttament lir-Reġjun.

49.3.43 Is-Sur Dalli qal kemm hu importanti li l-*condominium managers* jingħatalhom aktar responsabilità biex b’hekk tiġi indirizzata din il-problema.

49.3.44 Il-President staqsa jekk il-membri jħossuhomx lesti li tinżamm konferenza stampa.

49.3.45 Il-Viċi President u Sindku ta’ ta’ Xbiex, is-Sur Max Zammit, qal kif hu filwaqt li jifhem l-argumenti kollha li ressaq is-Sur Guido Dalli, hu qal kif il-fatt li kien għadu kif ġie imħabbar proġett pilota u l-fatt li waħda mill-lokalitajiet li ser tkun parti minn dan hija lokalità fi ħdan ir-Reġjun, dan ser ikun ta’ vantaġġ għal dan ir-Reġjun.

49.3.46 Il-President qal kif sfortunament għal din il-laqgħa ma hawn l-ebda rappreżentant mill-Kunsill tas-Swieqi biex forsi ir-Reġjun ikollu aktar informazzjoni dwar dan.

49.3.47 Il-President qal kif il-Kunsill Reġjonali tat-Tramuntana ingħaqdu kollha flimkien u għamlu konferenza stampa. Għal din ir-raġuni hu reġa staqsa lill-membri preżenti hux ser jieħu pożizzjoni peress li ma jistax il-Kunsilli jibqgħu jindirizzaw lir-Reġjun u r-Reġjun jibqà ma jieħux azzjoni. Hu żied jgħid ukoll li l-lokalitajiwet jew ser jiġbdu l-istess ħabel flimkien jew inkella kulħadd ser ifarfar ir-responsabilità minn

fuq spallejh biex ma jintilfux voti, u nitfawhom fuq ir-Reġjun. Hu spjega kif dan qed jesperjenzah ta' kuljum u saħansitra anke qed jirċievi diversi telefonati għax ir-responsabilità taqà fuq ir-Reġjun.

49.3.48 Hu spjega dwar każ li kien seħħ ftit tal-ġranet qabel din il-laqgħa fejn tpoġġew bollards fi Triq partikolari li diġa hija dejqa u ma jistgħux jgħaddu vetturi kbar u t-trakk taż-żibel ma setax jgħaddi minħabba fihom. Hu spjega kif il-kolletturi dehru f'filmat qed ikissru din il-bollard, u l-mistoqosijiet daret fuq ir-Reġjun biex ir-Reġjun jara x'azzjonijiet ser jittieħdu dwar dan minflok il-Kunsill mar direttament jgħamel rapport għand il-Pulizija fuq dak li kien sar.

49.3.49 Is-Sur Guido Dalli kompli jgħid kif matul dawn l-aħħar erbgħa snin ma kien iċċaqlaq xejn.

49.3.50 Il-President reġa talab pożizzjoni tal-membri preżenti dwar dan.

49.3.51 Is-Sur Zammit ġibed l-attenzjoni tal-membri li fid-diskussjoni li kienet qed issir dwar dan is-suġġett kien qed ikun hemm kuntrast fejn il-President kien qed jinforma kif tul dawn is-snin minn hawn u minn hemm, il-problemi ġew indirizzati u bħala Reġjun dawn l-isfidi għadhom qed jiġu ndirizzata sa llum pero dejjem kienet kontrollabli. Pero dak li kien qed jirreferi għaliha s-Sur Dalli kienet problema fis-sistema u fil-kultura. Hu kompla jgħid kif il-problemi li kienu qed jissemmew kienu problemi ta' erbgħa lokalitajiet u mhux problema tal-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun kollu.

49.3.52 Il-President talab jekk jaqblux ma press release jew isirx konferenza stampa. Peress li ċertu politiċi jgħamlu ċaqlieqa meta jkun hemm united front. Ser tinstab data biex issir press conference.

49.3.53 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Mariah Meli, staqsiet jekk bħala Reġjun tistax tinkiseb aktar informazzjoni dwar il-proġett pilota u jiġhi diskuss ftit.

49.3.54 Il-President qal li ma jarax għalfejn għandha tinġabar din l-informazzjoni peress li hu konvint li saret b'intenzjoni tajba u fil-konferenza stampa tajjeb li din tkun imsemmija u jsir referenza għal fatt li wieħed mill-Kunsilli li kien intagħżel inzerta f'dan ir-Reġjun pero jinħass li hemm affarijiet oħra li huma evidenti u li r-Reġjun ma jistax jibqa jissapportihom. Hu kompla jgħid kif din il-problema mal-kollezzjoni tal-ħġieġ ma kelliex xtaqsam mal-proġett pilota.

49.3.55 Is-Sa Meli żdiedet tgħid kif peress li l-Kunsilli Lokali għad m'għandhomx idea x'fih dan il-proġett pilota, kif ir-Reġjun ser imur fil-konferenza stampa u jikkumenta u jgħamel referenza għal dokument li s'issa ħadd ma jaf x'fieħ. Għal din ir-raġuni, hi talba li jkun ferm aħjar jekk ir-Reġjun iġib aktar tagħrif dwar il-proġett pilota li qed jiġi propost umbad ir-Reġjun ikun aktar komdu biex jgħid il-pożizzjoni tiegħu.

49.3.56 Il-President qal li permezz ta' dan il-proġett pilota, dawn qed jindirizzaw l-aktar lil BnB's. Reġa staqsa għal darb'oħra x'ser tkun il-pożizzjoni tar-Reġjun. Hu informa lill-membri li ser tkun qed tiġi appuntata ġurnata sabiex tinżamm din il-konferenza stampa u fil-frattemp ser jgħamel mill-aħjar biex jinforma ruħu dwar dan il-proġett pilota.

49.3.57 Is-Sur Guido Dalli rrimarka li d-diskors irid ikun wieħed ċar u mhux ikun hemm repetizzjoni bħal papaggali u nibqgħu ngħidu l-istess diskors, ma jsir xejn mill-ewwel.

49.3.58 Il-President insista li tinżamm konferenza stampa u naraw dan il-proġett pilota x'ser ikun qed jiġi indirizzat permess tiegħu. Hu qal ukoll li qabel ma tinżamm il-konferenza stampa, għandha tinżamm laqgħa u flimkien kulħadd jara d-direzzjoni li ser jieħu. Hu temm jgħid li fl-aħħar mill-aħħar l-intenzjoni dejjem hi li s-sitwazzjoni dejjem titjieb.

49.3.59 Is-Sur Max Zammit staqsa jekk ir-Reġjun għandhux l-ewwel iressaq preżentazzjoni bil-viżjoni tiegħu għall-għaxar snin li ġejjin, primarjament minn dawk il-lokalitajiet li l-aktar li huma effetwati minn dawn il-problemi.

49.3.60 Il-President staqsa jekk kienx hemm ftehim mal-proposta tiegħu.

49.3.61 Il-membri preżenti approvaw din il-proposta u l-President kompla bl-items li kien hemm fuq l-aġenda għal din il-laqgħa.

## 49.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

49.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 49.5 Rapporti

49.5.1 Il-President informa lill-membri preżenti li għal din il-laqgħa ma kienx hemm rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 49.6 Postijiet Vakanti – EU/Local Funds Manager

49.6.1 B'referenza għas-sejħa għall-pożizzjoni ta' EU/Local Funds Manager, il-President informa li b'kollox hemm erbgħa applikazzjonijiet u l-bord ser ikun qed jiltaqa nhar it-Tnejn 6 ta' Ottubru 2025 sabiex iżomm l-intervisti.

49.6.2 Is-Sur Max Zammit staqsa kien hemmx hemm sejħa miftuħa dwar dan.

49.6.3 Il-President informa li s-sejħa għal din il-pożizzjoni kienet miftuha u wara d-data ta' l-għeluq, ir-Reġjun kien irċieva applikazzjonijiet u għal din ir-raġuni ser ikunu qed jinżammu l-intervisit.

## 49.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *Tender – Service of a Mechanical Engineer for Playing fields*

49.7.1 B'referenza għal dan il-kuntratt, il-President informa lill-membri preżenti kif nhar il-Ħamis 21 t'Awwissu 2025, dan ir-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni mingħand l-Enġineer Karl David Agius dwar tibdil fil-fattura tiegħu lir-Reġjun fejn fil-ħlas tiegħu ser ikun qed jinkludi l-VAT.

49.7.2 Ma kien hemm l-ebda problema dwar dan.

- *Kaleiçi Old Town Festival 2025*

49.7.3 B'referenza għal dan il-festival, is-Sur Chircop informa kif nhar it-Tlieta 26 t'Awwissu 2025 dan ir-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni mill-AKL sabiex jinforma li l-Maniġer tal-Kultura, is-Sur James Hamberger, kien ġie magħżul biex ikun parti mid-delegazzjoni li ser tkun qed tattendi l-għaxar edizzjoni ġewwa Antalya, mid-9 sat-12 t'Ottubru.

- *Arts Council Malta – Regional Cultural Cooperation Programme*

49.7.4 B'referenza għal dan il-programme, il-President informa lill-membri preżenti kif nhar il-Ħamis 4 ta' Settembru 2025, dan ir-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni uffiċċjali li l-applikazzjoni li dan ir-Reġjun kien issottometta għal dawn il-fondi, kienet ġiet milquha. Hu spjega kif għal din ir-raġuni diġa bdew il-preparamenti meħtieġa sabiex jiġu organizzata l-*workshops* u l-avvenimenti marbuta ma' dan il-fond. Hu qal kif dan ir-Reġjun ser ikun qed jibbenifika minn €20,000.

49.7.5 Is-Sur Anthony Dalli staqsa jekk il-Kunsilli Lokali hux ser ikunu infurmati dwar dan il-programm.

49.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-programm kien diġa ġie ppreżentat għall-approvazzjoni fil-laqgħat preċedenti sabiex ir-Reġjun seta jissottometti din l-applikazzjoni. Hi tat spjegazzjoni qasira dwar dan il-proġett u nfurmat kif is-Sur Hamberger ser ikun qed jitkellem mal-Kunsilli Lokali b'mod indiviwali sabiex flimkien jiffinalizzaw il-preparamenti meħtieġa.

49.7.7 *18:16pm – Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Mariah Meli, skużat ruħha minn din il-laqgħa minħabba impenn ieħor.*

- *Kunsill Lokali ta' l-Iklin*

49.7.8 Il-President ressaq fuq il-mejda li dan ir-Reġjun kien irċieva nhar il-Ġimgħa 5 ta' Settembru 2025 mingħand dan il-Kunsill sabiex jingħata l-approvazzjoni tar-Reġjun biex japplika għal fondi tad-Development Planning Fund. Il-Kunsill ser ikun qed jgħamel reġenerazzjoni tal-Pjazza Ninu Cremona.

49.7.9 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- *Tours – Silent Guides*

49.7.10 Il-President informa kif minħabba numru ta' talbiet li qed nirċievu biex inkomplu norganizzaw tours fir-Reġjun, qed nipproponu li nressqu opportunità standardizzata biex il-kunsilli kollha jibbenefikaw minnha. Dan se jkun simili għal kif ħdimna f'Ħal Lija. Kull lokalità għandha l-opportunità li tinnomina espert/storiku lokali biex imexxi tour. Jekk din il-persuna mhijiex gwida kwalifikata (mingħajr liċenzja), ir-Reġjun se jirranġa biex ikun hemm gwida liċenzjata li se jkun 'silent guide' – i.e. mhux se jmexxi t-tour pero se jkun hemm għal-liċenzja. L-ispejjeż ta' dan is-servizz huwa madwar €100.

49.7.11 Il-membri preżenti approvaw din ir-rakomandazzjoni.

- *Fondazzjoni Maltija tal-Artiġjanat*

49.7.12 Il-President informa lill-membri preżenti kif dan ir-Reġjun kien ġie kkuntattjat minn din il-Fondazzjoni sabiex tinżamm laqgħa mas-Sinjura Marita Portelli biex jiġi diskuss kollaborazzjoni. Il-laqgħa saret mal-Maniġer Ambjentali u Kulturali nhar il-Ħamis 11 ta' Settembru 2025. Il-president informa kif din il-Fondazzjoni kienet qedha tistieden lill-Kunsill Reġjonali u lill-Kunsilli Lokali biex jikkollaboraw fil-Jiem Ewropej tal-Artiġjanat Artistiku (7–12 ta' April 2025), inizjattiva internazzjonali mmirata lejn il-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-artiġjanat lokali. Hu spjega kif il-kunsilli jistgħu jgħinu billi: jorganizzaw jew jospitaw avvenimenti fl-ibliet/ċentri ċiviċi biex jippromwovu l-artiġjani; jinkoraġġixxu lill-artiġjani lokali biex jipparteċipaw u juru l-ħiliet tagħhom; jippromwovu l-avveniment permezz tal-midja soċjali.

49.7.13 Il-President qal ukoll kif dawk il-Kunsilli li jgħinu se jiġu rikonoxxuti bħala kollaboraturi uffiċjali f'materjal promozzjonali nazzjonali. Il-Fondazzjoni tilqa' wkoll ideat addizzjonali mill-kunsilli. Hu qal ukoll kif waqt din il-laqgħa ġew diskussa wkoll li ngħaqqdu l-Premjijiet tal-Kompetizzjoni tal-Crafts tal-Għid ma' kwalunkwe avveniment ta' skala medja, biex nattiraw aktar parteċipanti u interess. Ser tkun qed tintbagħat komunikazzjoni uffiċjali mill-uffiċċju amminsitrattiv. Hu ħeġġeġ lill-membri sabiex min hu interessat, jgħamlu kuntatt mas-Sur James Hamberger jew is-Sa Andrea Borg Brincat.

- *Ġimgħa Ewropea tal-Mobilità*

49.7.14 Il-President informa lill-membri preżenti kif fl-4 ta' Settembru, ir-Reġjuni ltaqgħu mar-rappreżentanta ta' Transport Malta, Dr Jeannette Axisa, biex jiddiskutu dan il-fond ġdid. Sussegwentement intlaħaq qbil li laqgħa ta' segwitu ma' Transport Malta u l-Kunsilli Lokali tkun utli, u din saret fid-19 ta' Settembru.

49.7.15 Hu qal kif matul din il-laqgħa, fejn għaliha kienu preżenti hu flimkien mas-Sa Borg Brincat, Dott. Axisa ddeskriviet it-tipi ta' inizjattivi li Transport Malta hi ħerqana li tappoġġja, b'enfasi partikolari fuq l-inklużività u s-sikurezza fit-toroq permezz ta' proġetti ispirati mill-inizjattiva Residents First tal-AKL.

49.7.16 Hu informa kif Dott Axisa ħeġġet lill-Kunsilli Lokali biex jaħdmu flimkien billi jikkoordinaw skeda kondiviża ta' avvenimenti u biex jikkunsidraw inizjattivi marbuta ma' punti ta' interess lokali. Dott. Axisa pproponiet ukoll li l-kunsilli tat-tfal jew l-Eko-Skejjel jiġu involuti fit-tfassil tal-attivitajiet, biex b'hekk jitrawwem involviment akbar mill-ġenerazzjonijiet iżgħar. Hija spjegat li, filwaqt li m'hemm l-ebda data uffiċjali tal-għeluq għall-applikazzjonijiet, il-fond jopera fi ħdan baġit fiss u se jagħlaq ladarba r-riżorsi jkunu ġew allokati bis-sħiħ. Napprezzaw ħafna li nibqgħu infurmati dwar kwalunkwe żvilupp f'dan ir-rigward, u toqgħodux lura milli tikkuntattjawna jekk teħtieġu xi għajnuna.

49.7.17 Is-Sur Anthony Dalli qal li bħala Kunsill Lokali huma diġa kellhom laqgħa skedata ma' Dott. Axisa sabiex tiġi żviluppata l-idea li għandhom bħala proġett.

- *FITA*

49.7.18 Il-President informa kif matul il-parteċipazzjoni fl-All Digital Expo, il-maniġers ġew avviċinati minn membri tal-FITA li jipprovdu appoġġ lil individwi b'diżabilità u l-anzjani biex jegħlbu jew ineħħu l-ostakli għall-edukazzjoni u l-għajxien indipendenti permezz tal-ICT billi jgħinuhom fl-għażla, l-akkwist, jew l-użu ta' teknoloġija assistiva.

49.7.19 Is-Sur Chircop qal ukoll kif permezz tal-emanċipazzjoni u l-inklużjoni soċjali, persuni b'diżabilità u anzjani jiddependu inqas fuq l-appoġġ tal-familja u tal-istat. Il-FITA toffri korsijiet b'xejn jew taħriġ fi grupp, li jgħin lill-klijenti jużaw applikazzjonijiet li jvarjaw mill-midja soċjali għall-emails u s-servizzi online.

49.7.20 Hu ħeġġeġ lil dawk il-Kunsilli Lokali li huma interessati li jospitaw taħriġ fi grupp jew li jistiednu lill-FITA fiċ-Ċentri tal-Active Aging tagħkhom, infurmawna jew ikkuntattjaw lil FITA fuq info@fitamalta.com

- *Pink October 2025*

49.7.21 Il-President informa kif nhar il-Ħamis 30 t'Ottubru ser tinżamm edizjoni oħra ta' Pink October u kif din is-sena d-donazzjonijiet miġbura ser ikunu b'risq Europa Donna. Din ser tkun qed tinżamm ġewwa Urban Valley Resort and Spa San Gwann fejn il-venue ser jingħata b'xejn u r-rata ta' l-ikel ser tkun nofs prezz. Ser ikun hemm diskussjoni qasira dwar dan is-suġġett u wara ser tintlagħab it-tombla. Ser ikun hemm ħafna rigali grazzi għal diversi *sponsors* li kkontribwixxu għal dan.

49.7.22 Is-Sur Neville Chetcuti staqsa jekk din l-attività tkunx miftuha għan-nisa biss.

49.7.23 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-attività hija miftuha għal kulħadd b'mod speċjali għal Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u staff li huma nisa peress li s-suġġet ser jiffoka aktar fuq il-mard komuni aktar fin-nisa.

49.7.24 Il-President żied jgħid kif din l-attività hija miftuħa għal kulħadd pero fakkar ukoll kif ir-Reġjun dejjem ħa ħsieb ukoll li tinżamm attività oħra għal Movember.

49.7.25 Is-Sur Max Zammit staqsaq x'ser tkun l-attivita ta' Movember.

49.7.26 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif hi kienet diġa għamlet komunikazzjoni mal-persuna li jieħu ħsieb l-isports fil-faċilità korrettiva ta' Kordin u kif aktar dettalji dwar dan ser jingħataw aktar 'il quddiem. Staqsiet jekk kienx hemm interess li tinżamm edizzjoni oħra ta' tournament tal-billiard. Hi staqsiet jekk xtaqux minflokk jgħamlu xi ħaġa differenti bħal tournament tal-boċċi.

- *Workshop - IA għall-Kunsilli Lokali: Workshop dwar Għarfien Prattiku u Possibbiltajiet Kreattivi*

49.7.27 Il-President informa kif wara l-parteċipazzjoni tal-Prof. Montebello fil-Konferenza tas-SEDEC u l-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' din is-sena, ir-Reġjun kien f'komunikazzjoni kontinwa biex jiġi organizzat *workshop* dwar l-Inteliġenza Artifċjali. Is-Sur Chircop informa kif dan il-workshop se jsir fl-Università ta' Malta fit-3 ta' Novembru u li jistgħu jipparteċipaw massimu ta' 30-il parteċipant biss. Għal din ir-raġuni, hu ħeġġeġ li dawk li huma interessati sabiex jirreġistra malli toħroġ il-formola.

- Bertu l-Ballotra

49.7.28 Il-President informa lill-membri dwar dan il-karattru li kien diġa ssema f'laqgħat preċedenti, għall-edizzjoni ta' din is-sena tal-proġett ta' l-istarter pack fl-iskejjel. Hu kompla jgħid kif dan il-maskot ser ikun qed jintlibes minn animatur u se tkun qed iddur l-iskejjel kollha marbut ma' dan il-proġett. Għal din ir-raġuni hu ħeġġeġ ukoll lill-membri sabiex ikunu preżenti meta tinżamm din l-attività fl-iskola rispettiva tagħhom.

- *Kwotazzjonijiet*

49.7.29 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet li kienu nġabru minħabba l-avveniment, Sports Day 2025. Liema kwotazzjonijiet kienu ġew iċċirkulati lill-membri qabel din il-laqgħa.

49.7.30 Il-President informa kif il-flokkijiet l-orħos kienu mingħand Micrographic Signs għal prezz ta' €1,596.00. is-Sistema tas-sound għal waqt din l-attività kien mingħand Digital Magic għall-prezz ta' €466.00 u l-fotografu l-orħos offerta kienet mingħand is-Sur Mark Soler għal prezz ta' €250. Filwaqt li l-videografer ser ikun is-Sur Carlos Scorfna għall-prezz ta' €620.

49.7.31 Il-membri preżenti approvaw l-kwotazzjonijiet ppreżentati.

- *Award - Best Project in the Community'*

49.7.32 Il-President informa kif il-ġurnata ta' qabel din il-laqgħa, nhar it-Tlieta 23 ta' Settembru, dan ir-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti li ġie innominat għal dan il-premju. Ir-riżultat ser ikun qed jitħabbar nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru 2025 u aġġornament dwar dan ser jingħata 'l quddiem.

- *Kalendarju tas-sena 2026*

49.7.33 Il-President informa kif it-tema għall-kalendarji ta' din is-sena li se tkun in-niċeċ lokali. Dawk il-lokalitajiet li m'għandhomx niċċa, minflok se jittieħed ritratt ta' statwa li tkun tinsab f'dak il-lokal.

49.7.34 Is-Sur Anthony Dalli issuġġerixxa sabiex l-ammont ta' *printing* ikun inqas minn dak tas-sena preċedenti sabiex ma jkunx hemm ħela.

49.7.35 Kien hemm qbil sabiex ir-Reġjun jistaqsi kemm jixtieq kopji qabel ma jiġi ordnat il-printing.

- *Spejjeż relatati mal-proġett lVANt*

49.7.36 Il-President ressaq fuq il-mejda lista ta' l-ispejjeż finali li kienu marbuta ma' dan il-proġett flimkien mall-ammonti li kienu ġew *sponsored.*

49.7.37 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa dwar dan ir-rapport.

49.7.38 Is-Sur Anthony Dalli staqsa jekk ir-Reġjun hux ser ikun qed jikkunsidra li tinħareġ skema finanzjarja għal żmien il-Milied. Hu żied jgħid ukoll kif ta' min jikkunsidra jgħolli l-ammont peress li l-ispejjeż fuq kollox żdied. Hu qal ukoll kif bħala Kunsill irid jikkometti ruħu.

49.7.39 Il-President qal li ser tkun qed tinżamm laqgħa mal-bord tal-fondi u finanzi sabiex naraw il-pożizzjoni finanzjarja tar-Reġjun u din tiġi mressqa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 49.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

49.8.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

49.8.2 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sekondat mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 46A u 46B.

49.8.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 49.9 Mozzjonijiet

49.9.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 49.10 Preżentazzjoni – Proposta biex tippreżenta Inizjattiva ta' Skambji bejn Belt u Belt

49.10.1 Il-President stieden fil-kamra lis-Sur Robert Tabone kif ukoll lis-Sa Judy Cassar. Hu informa wkoll kif kien hemm is-Sur Andrea Cassar onlajn li kien qed jirrappreżenta lil SEM.

49.10.2 Is-Sinjuri preżenti irringrazzjaw lill-Kunsill Reġjonali Lvant talli laqgħu t-talba tagħhom li jkunu preżenti għal din il-laqgħa u jkunu jistgħu jispjegaw aħjar il-fond li kien ta' interess għall-Kunsilli Lokali kif ukoll dwar is-servizzi tagħhom.

49.10.3 Wara li ngħatat spjegazzjoni dwar dan il-fond, ġew imressqa mistoqsijiet

49.10.4 Il-President irringrazzja lill-persuni preżenti u ta' l-informazzjoni li kienet ġiet mgħotija u ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex jipparteċipaw f'din l-iskema.

## 49.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

49.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 28 ta' Ottubru 2025, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 28 ta' Ottubru, 2025.

| | |
|---|---|
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |